EBA/GL/2019/05

9 ta' Diċembru 2019

# Linji gwida

## dwar definizzjonijiet u mudelli armonizzati għall-pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 (BERS/2012/2)

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (pereżempju billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk humiex konformi jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità sad-25.05.2020. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2019/05'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-kontenut, l-istruzzjonijiet u l-formati uniformi għar-rapportar tal-pjanijiet ta’ finanzjament abbażi tal-paragrafu 4 tar-Rakkomandazzjoni A tar-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta’ Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu (ir-‘Rakkomandazzjonijiet tal-BERS’ u r-‘Rakkomandazzjoni A tal-BERS’)[2].

## Kamp ta’ applikazzjoni

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn il-linji gwida fuq bażi konsolidata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[3].

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw dawn il-linji gwida fuq bażi individwali skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta l-istituzzjonijiet ta’ kreditu msemmija fil-paragrafu 9 ma jkunux parti minn grupp soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikoli 111 u 112 tad-Direttiva 2013/36/UE[4].

8. Minkejja l-paragrafi 6 u 7, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll dawn il-linji gwida fuq bażi individwali skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għall-istituzzjonijiet kollha.

9. Meta japplikaw dawn il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-akbar istituzzjonijiet ta’ kreditu f’termini ta’ volum ta’ assi f’kull Stat Membru huma koperti, u li l-kopertura tkopri mill-inqas 75 % tal-assi konsolidati totali tas-sistema bankarja f’dak l-Istat Membru.

---

[2] Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta’ Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta’ istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 119, 25.4.2013, p. 1).

[3] Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 Test b’rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[4] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

# Destinatarji

10. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-punt (2) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, skont il-qafas ta' implimentazzjoni nazzjonali tar-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida.

# Definizzjonijiet

11. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati fil-linji gwida għandhom l-istess tifsira bħal dawk użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, fir-Regolament (EU) Nru 680/2014[5] u fir-Regolament (UE) Nru 2018/1624[6].

[5] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

[6] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 tat-23 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri u formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1066 (ĠU L 277, 7.11.2018, p. 1).

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta’ applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-31 ta’ Diċembru 2020.

## Tħassir

13. Il-linji gwida tal-EBA dwar definizzjonijiet u mudelli armonizzati għall-pjanijiet ta’ finanzjament ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni A4 tal-BERS/2012/2 (EBA/GL/2014/04) tad-19 ta’ Ġunju 2014[7] jitħassru b’effett mill-31 ta’ Diċembru 2020.

[7] Il-linji gwida jistgħu jiġu aċċessati fuq https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/liquidity-risk/guidelines-on-harmonised-definitions-and-templates-for-funding-plans-of-credit-institutions/

# 4. Rekwiżiti għar-rapportar ta’ pjanijiet ta’ finanzjament

14. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jirrapportaw il-pjanijiet ta’ finanzjament tagħhom skont l-istruzzjonijiet u l-mudelli armonizzati msemmija fl-Anness I u fl-Anness II ta’ dawn il-linji gwida.

15. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu wkoll lill-EBA bi trasparenza sħiħa dwar il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawn il-linji gwida u spjegazzjoni dwar kif ġiet osservata l-gwida msemmija fil-paragrafu 9.

## 4.1 Format tar-rapportar

16. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija f’dawn il-linji gwida skont ir-rappreżentazzjonijiet u l-formati għall-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jirrispettaw id-definizzjoni tal-punt tad-*data* inkluża fil-mudell tal-punt tad-*data* msemmija fl-Anness XIV u l-formuli ta’ validazzjoni speċifikati fl-Anness XV tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) informazzjoni li mhijiex meħtieġa jew li mhijiex applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża f’sottomissjoni ta’ *data*;

(b) il-valuri numeriċi għandhom jiġu sottomessi bħala fatti skont dan li ġej:

i. punti tad-*data* bit-tip ta’ *data* ‘Monetarja’ għandhom jiġu rapportati bl-użu minimu ta’ preċiżjoni ekwivalenti għal miljuni ta’ unitajiet;

ii. punti tad-*data* bit-tip ta’ *data* ‘Perċentwal’ għandhom jiġu espressi bħala unità b’minimu ta’ preċiżjoni ekwivalenti għal erba' ċifri deċimali;

iii. punti tad-*data* bit-tip ta’ *data* ‘Integer’ għandhom jiġu rapportati mingħajr deċimali u bi preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet.

17. Id-*data* sottomessa mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandha tkun assoċjata mal-informazzjoni li ġejja:

(a) id-*data* ta’ referenza tar-rapportar u l-perjodu ta’ referenza;

(b) il-munita tar-rapportar;

(c) l-istandard kontabilistiku;

(d) l-identifikatur tal-istituzzjoni tar-rapportar;

(e) il-livell ta’ applikazzjoni bħala individwali jew fuq bażi konsolidata.

## 4.2 Frekwenza, *data* ta’ referenza ta’ rapportar u *data* ta’ rimessa

18. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jissottomettu l-informazzjoni bi frekwenza annwali.

19. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jirrapportaw il-pjanijiet ta’ finanzjament tagħhom skont dawn il-linji gwida sal-15 ta’ Marzu b’data ta’ referenza tal-31 ta’ Diċembru tas-sena preċedenti.

20. Meta l-liġijiet nazzjonali jippermettu li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja tagħhom abbażi tat-tmiem is-sena kontabilistika tagħhom, li tiddevja minn tmiem is-sena kalendarja, id-data ta’ referenza għandha titqies li hija l-aħħar tmiem is-sena kontabilistika disponibbli.

# Anness I – Struzzjonijiet

# Anness II – Mudelli